*Irkejjen storiċi*

# TAS-SILĠ

## *tempji u fdalijiet*



*Veduta mill-ajru ta' l-inħawi Tas-Silġ, Marsaxlokk*

*Il-fdalijiet arkeoloġiċi li jinsabu mxerrdin fil-gżejjer Maltin huma numerużi. Uħud minnhom huma wkoll famużi, biex ngħidu hekk. Iżda mbagħad niltaqgħu ukoll ma' oħrajn, li għalkemm ikunu importanti, wieħed ma jistax jgħid li jkunu magħrufa mill-pubbliku. Wieħed minn dawn il-postijiet hu dak li nsibu fl-inħawi ta' Marsaxlokk, magħruf aħjar bħala l-fdalijiet Tas-Silġ.*

**minn Vincent Zammit**

Meta wieħed joqgħod jisma' ħafna tagħrif dwar Tas-Silġ, mingħajr ma trid ikollok tistaqsi fejn jinsab dan kollu. Għalkemm iz-zona ilha magħrufa, din m'hix miftuħa għall-pubbliku. L-iskavi ilhom li saru madwar 40 sena, iżda xorta waħda l-awtoritajiet jaħsbu li l-aħjar hu li jħallu kollox magħluq. Dan minħabba diversi raġunijiet, fosthom li għad hemm aktar studji xi jridu jsiru, li fis-sajf l-istess Università ta' Malta torganizza skavi fil-post, kif ukoll li l-post jista' jsirlu l-ħsara jekk jibdew imorru jżuruh numru sostanzjali ta' nies.

Il-post ilu magħruf mis-seklu 18. Minn dak iż-żmien 'il quddiem kien hemm diversi tentattivi biex insiru nafu aktar dwar dan il-lokal. Kien imbagħad fis-snin sittin, madwar 40 sena ilu, meta beda jsir l-ewwel studju xjentifiku. Wara dak ix-xogħol inkixfu diversi livelli, u b'hekk illum nafu bi ftit aktar informazzjoni milli wieħed kien jistenna li jsib.

### IT-TEMPJU PRE-ISTORIKU

Hu ferm interessanti li wieħed jinduna li hawnhekk il-fdalijiet imorru lura għaż-żmien tal-pre-istorja. L-eqdem tempju hu ta' żmien it-Tempji, jiġifieri hawnhekk kien hawn tempju simili għal dawk ta' Ħaġar Qim, Tarxien u oħrajn. Għalkemm hu diffiċli li wieħed jagħti data preċiża, iżda hu maħsub li kien hemm bini li jmur lura għal madwar it-3000 Qabel Kristu. Minħabba l-fatt li hawnhekk kien hawn diversi popli li għamlu użu kemm mill-istess ġebel, kif ukoll mill-istess post, hu diffiċli li wieħed ikun jaf eżattament il-pjanta ta' dan it-tempju.

L-ewwel ħsibijiet kienu li t-tempju, li l-fdalijiet tiegħu nstabu hawn, kellu l-forma ta' wieħed żgħir, u għalhekk kulma kien hemm kienu tlett ikmamar. Iżda hemm min jaħseb li hawnhekk għandna tempju aktar ifrinut minn hekk, u jista' jkun li wieħed għandu l-fdalijiet ta' post simili għal parti mit-tempju ta' Ħaġar Qim.

Aktar ma beda jsir tħaffir, u aktar ma bdew jinkixfu l-fdalijiet ta' dan it-tempju, wieħed beda jinduna li hawnhekk kien hawn tempju mdaqqas, u li jmur lura għall-fażi tat-Tarxien. Dan ifisser li l-bini inbena bejn it-3300 u l-2500 Qabel Kristu.

Wieħed jista' jinnota wkoll li ċertu dettalji li nstabu fil-ġebel maħdum, jindikaw perfettament li hawnhekk għandna tempju bħal dawk li wieħed imdorri jara. Kemm l-istruttura, fejn naraw ħitan mibnija fit-tond, kif ukoll toqob li jidhru f'ġebel li huma fl-art, jagħtu indikazzjoni u jikkonfermaw li l-eqdem bini li kien hawn fl-inħawi kien tempju pre-istoriku.

Fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Belt, hemm statwa interessanti, li nstabet hawnhekk. Din l-istatwa m'hix maħduma fit-tond, iżda hi mnaqqxa fuq ġebla. Il-figura qiegħda turina statwa ta' persuna ħoxna, li mill-ewwel wieħed jassoċjaha ma' l-istess tip ta' statwi ta' żmien it-Tempji. Iżda interessanti hu l-fatt li l-wara ta' din l-istatwa, minħabba li kien fiċ-ċatt, beda jintuża fi żmien ieħor, bħala parti mill-ħajt ta' tempju. Kważi wieħed jgħid li mn'alla l-ġebla ntużat għal dik ir-raġuni, għax b'hekk kienet salvata parti oħra minn dan il-wirt pre-istoriku.

### ŻMIEN IL-BRONŻ

Tal-perijodu tal-pre-istorja nstab ukoll fuħħar ta' żmien il-Bronż, li kien imxerred ma' diversi nħawi. Hawnhekk nistgħu naraw kontinwazzjoni ta' l-istess ħaġa li wieħed isib f'postijiet oħra, fejn wara l-waqgħa tal-kultura tat-tempji, kienu daħlu fuqhom in-nies magħrufa aħjar bħala ta' Żmien il-Bronż. Dan il-fuħħar kien individwat bħala li kien ikopri l-perijodi kollha taż-Żmien tal-Bronż, jiġifieri minn madwar l-2500 sas-700 Qabel Kristu.

Minn dan il-ftit tagħrif wieħed jista' jinnota li l-fdalijiet li nsibu fuq l-għolja magħrufa bħala Tas-Silġ imorru lura għall-perijodu ferm aktar antik milli wieħed kien jistenna.